8 ta' April, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Gaetano Mifsud *versus* Gaetano Zahra**

**"Bis in Idem" — Ġudikat — Liberazzjoni "Ab Observantia".**

*Għad-deċiżjoni ta' domanda ġudizzjarja josta l-ġudikat jekk ġà kien hemm kawża oħra li kellha l-elementi ta' l-identità ta' l-oġġett, ta' l-identità tal-kawża, u ta' l-identità tal-persuni. U dan avvolja l-kawża preċedenti kienet spiċċat bil-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għax tkun irriżultat kawżali diversa minn dik dedotta, u-l-kawża susseġwenti tiġi proposta b'dik l-istess kawżali.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta li l-kontendenti eżerċitaw bejniethom diversi appalti ta' bini, u l-attur ikkonsenja lill-konvenut b'self l-ammont ta' £115, li kellu jiġi kompensat mal-kwota tal-profitti tal-konvenut; u li l-konvenut ammetta biss l-ammont ta' £35 li f'dawn il-granet ġie mħallas; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu l-ammont ta' £80, bilanċ ta' l-imsemmi ammont misluf lill-konvenut kif fuq indikat. Bl-interessi legali mis-26 ta' Lulju 1949, data tan-notifika tal-mandat ta' l-elevazzjoni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' l-elevazzjoni tat-18 ta' Jannar 1952, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Fuq l-eċċezzjoni tar-"res judicata";

Il-kontendenti għamlu riferenza għall-proċessi fol. 8 li l-Qorti eżaminat;

Mill-proċess "Mifsud vs. Zahra", P.A. 8. 11. 49. jirriżulta li l-attur odjern kien talab kontra l-konvenut odjern il-ħlas ta' £115 in bażi għall-kawżali ta' self. Il-Qorti rriteniet. b'sentenza li għaddiet ġudikat, li l-kawżali ma kienetx self. iżda antiċipu akkont ta' profitti futuri; u lliberat lill-konvenut "ab observantia";

Mill-proċess "Zahra vs. Mifsud", ċedut f'din il-Qorti

fit-30 ta' Ottubru 1951, jirriżulta li l-kontendenti ttransiġew fuq il-likwidazzjoni tal-profitti ta' bejniethom;

Mill-proċess "Mifsud vs. Zahra" deċiż minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 1952, jirriżulta li l-attur odjern talab kontra l-konvenut ir-rifużjoni ta' £35 li hu kien ħallas lill-konvenut "akkont ta' profitti futuri", u li ma kienux ġew dedotti mill-kwota ta' profitti li kienet messet lill-konvenut. Il-Qorti laqgħet it-talba;

Biċ-ċitazzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob ir-rifużjoni ta' £80, bilanċ ta' £115 (wara li jinqatgħu l-£35 fuq imsemmija);

Il-kawżali taċ-ċitazzjoni hi dik ta' self;

Il-konvenut għalhekk għandu raġun igħid li għad-domanda "kif konċepita" hemm l-ostakolu tar-"res judicata"; għax bis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Ċivili diġà ġie ġudikat li dik il-kawżali hi żbaljata, għaliex self ma kienx hemm, iżda kien hemm antiċipu akkont tal-profitti futuri. Kif ġie osservat mill-Cassazione di Torino, 9 ottobre 1882, Borgogna-Marocchino, Patriarca ed altri, "anche la sentenza che assolva allo stato degli atti dall'osservanza del giudizio fa cosa giudicata, nel senso che, stando le cose negli identici termini in cui erano quando la sentenza venne emanata, non possa pronunciarsi una decisione contraria" (Coen, voce Cosa Giudicata, Materia Civile, para. 20). Ma hemmx dubju li f'dan il-każ jikkonkorru t-tliet rekwiżiti, ta' l-identità ta' l-oġġett, ta' l-identità tal-kawża, u ta' l-identità tal-persuni; għax is-somma ta' £115 hija l-istess, il-kawżali pretiża mill-attur hi l-istess, ċjoè self, u l-kontendenti huma l-istess, mhux biss fiżikament, imma fil-kwalità ġuridika tagħhom (ara Coen, idem, para. 518);

L-attur odjern kien mexa sewwa fl-okkażjoni tal-ġudizzju deċiż minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 1952, fuq imsemmi, għax hemm fiċ-ċitazzjoni semma kawżali oħra, mhux dik ta' self, imma korrettament, flus antiċipati akkont ta' profitti futuri; u hu għalhekk stran li f'din iċ-ċitazzjoni hu ma adoperax dik il-kawżali;

Għalhekk għad-domanda "kif konċepita" josta l-ġudikat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-eċċezzjoni tan-"non bis in idem", u għal-hekk tirrespingi d-domanda kif proposta, salvi drittijiet oħra ta' l-attur "si et quatenus"; bl-ispejjeż kontra l-attur.